MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 1778/2000/2

**Stephen Galea**

***kontra***

**1) Frans Farrugia, 2) Raymond Vassallo, 3) John Abdilla, 4) Godfrey Borg, 5) Malta Drydocks, u b'digriet tas-27 ta' Frar 2004 Saviour Gauci Direttur Generali (Operations) fil-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomici, assuma l-atti flok Malta Drydocks**

**Il-Qorti -**

**Rat** l-att tac-citazzjoni ipprezentat fit-30 ta' Awwissu 2000 li jaqra hekk –

*Billi l-attur huwa Ship Repair Manager mal-Malta Drydocks.*

*Billi fit-18 ta' Mejju 2000, inharget 'Charge' kontra tieghu, iffirmata mill-konvenut Frans Farrugia, Personnel Officer, li taqra hekk :*

*"that on Sunday 7th May 2000 you left the yard premises and later returned in the afternoon without clocking on both occasions which goes against the Timekeeping, Recording and Payment Procedure – Section II (c) (iv) and carries an automatic suspension from duty without pay. Furthermore you are being charged with having contravened Article (A) Group I (iii) of the Disciplinary Regulations and will in due course be informed when to appear on ad hoc Disciplinary Board."*

*Billi l-attur kellu raguni valida, kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza, peress illi huwa hareg ghaliex inqalghat problema urgenti d-dar koncernanti t-tarbija gdida taghhom.*

*Billi l-imsemmi Timekeeping, Recording and Payment Procedure tal-1973 imsemmi fic-'Charge' m'ghadux fis-sehh, u fis-7 ta' Mejju 2000 ma kienx ghadu fis-sehh.*

*Billi l-konvenut Frans Farrugia informa lill-attur li ma kellux id-dritt li jkun assistit minn rapprezentant tal-Union tieghu, id-DSESU (Drydocks Senior and Executive Staff Union) fil-proceduri quddiem il-Bord ta' Dixxiplina ghaliex hemm gew il-General Workers Union biss tghodd. Dan bi ksur tar-regolament 34 tad-Dixxiplina tal-1980.*

*Billi fil-21 ta' Mejju 2000, inhareg Internal Memo biex il-managers jibdew jimlew huma l-formola biex jithallsu l-allowance tal-Hdud, u dan b'effett retroattiv mid-9 ta' April 2000.*

*Billi l-attur fl-ebda hin ma ntalab jispjega c-cirkostanzi tal-kaz, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 11 tar-Regolamenti dwar Dixxiplina tal-1980, izda b'ittra tal-24 ta' Mejju 2000 gie avzat sabiex fil-31 ta' Mejju 2000 jidher quddiem Bord ta' Dixxiplina.*

*Billi fil-31 ta' Mejju 2000, l-attur deher quddiem Bord ta' Dixxiplina kompost mill-konvenuti Raymond Vassallo (Chairman), John Abdilla u Godfrey Bord (Membri) u kien assistit minn Anthony Zahra.*

*Billi l-attur gie ripetutament imwieghed kopja tad-dokumenti kollha rilevanti ghall-kaz kif ukoll tal-minuti tal-Bord ta' Dixxiplina. Izda, minflok, il-Bord zamm seduta wahda biss u la l-attur u lanqas il-persuna li kien qed jassistih ma nghataw kopja jew access ghad-dokumenti dwar il-kaz kontra l-attur. Ghall-kuntrarju, kull dokument li gie pprezentat fil-proceduri ta' dixxiplina kontra l-attur inzamm mistur minnu.*

*Billi b'ittra tas-6 ta' Gunju 2000 iffirmata mill-konvenut Frans Farrugia, l-attur gie nfurmat :*

*"With reference to the charge against you of having contravened Article (A) Group I (iii) of the Disciplinary Regulations, and the contravention against the Timekeeping, Recording and Payment Procedure – Section II (iv), this is to inform you that the ad hoc Disciplinary Board members after giving full consideration to all facts presented and*

*(a) to your admission to the offence*
*(b) that you did not take action to put right any irregularities which were about to occur, and*
*(c) that you occupy responsible position at Malta Drydocks,*

*decided that:*

*(i) you be suspended from duty without pay for thirty-two (32) consecutive days, (which suspension also includes the automatic suspension) and*
*(ii) recommends that should you be found guilty of a similar offence, your employment should be terminated.*

*The thirty-two (32) days' suspension should be taken as from Monday 12th June to Tuesday 25th July, both days inclusive."*

*Billi mhux veru li huwa ammetta li kien zbalja, u inoltre ma gie ppruvat fl-ebda hin illi l-attur ghamel xi misapproprijazzjoni ta' fondi tat-Tarzna jew allowances.*

*Billi permezz ta' ittra tat-8 ta' Gunju 2000, id-DSESU ghan-nom ta' l-attur infurmat lill-konvenut Farrugia li kien ser isir appell mill-imsemmija decizjoni, izda din l-ittra giet irritornata bil-gherra mill-konvenut Farrugia lill-attur waqt li qallu li hu ma jaccetta xejn minghand id-DSESU u li dik il-union hu ma jirrikonoxxihiex.*

*Billi sussegwentement il-konvenut Farrugia kiteb lill-attur fit-8 ta' Gunju 2000 fejn irriferih ghall-"appell verbali" mid-decizjoni u qallu li l-appell tieghu gie ricevut u li jigi 'il quddiem meta ghandu jidher ghall-appell.*

*Billi l-Bord ta' l-Appell ghandu jkun kompost mill-General Manager, il-Personnel Manager u Divisional Manager iehor, izda whud minn dawn il-karigi jinsabu vakanti u allura l-appell mhux mistenni jinstema' fil-futur vicin.*

*Billi zewg Ship Repair Managers ohra li kellhom 'charge' bhal dik li nharget kontra l-attur ma gewx ordnati jidhru quddiem Bord ta' Dixxiplina bhall-attur, izda sempliciment gew avzati :*

*"This is to inform you that you have contravened the Timekeeping Recording and Payment Procedure, Section II (c) (iv) 'Deliberate attempt to abuse or deceive in connection with timekeeping' and (c) (v) 'for being a party to sub.paras (I) and (IV) :*

*The above carry on automatic one (I) day suspension from duty without pay for each for each offence, and such should be taken on …"*

*Billi inoltre fl-imsemmi kaz taz-zewg Senior Managers l-ohra li fih irrizulta li ppancjaw il-card ta' xulxin, dawn kienu gew akkuzati that Section II (C) (iv) biss tat-Time Keeping Recording and Payment Procedure (meta l-allowance kienet <u>in vigore</u>), filwaqt li l-attur, minbarra li gie akkuzat*

*taht din id-dispozizzjoni, gie wkoll akkuzat taht Artikolu (A) Grupp (iii) tar-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-1980, b'misapproprijazzjoni ta' fondi tat-Tarzna, inkluzi allowances (meta l-allowance ghal 'extra hours' kienet spiccat).*

*Billi l-konvenuti Malta Drydocks bhala awtorita' pubblika kostitwita permezz ta' ligi u l-konvenuti l-ohra naqsu milli josservaw il-principji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-ghemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-ghemil.*

*Billi l-ghemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha tal-Malta Drydocks bhala awtorita' pubblika kostitwita permezz ta' ligi billi dan sar ghal ghanijiet mhux xierqa jew imsejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.*

*Billi l-ghemil amministrattiv mar mod iehor kontra l-ligi, u ghalhekk huwa 'ultra vires' ghal xi raguni minn dawn imsemmija fuq.*

*Billi dan l-agir qed isir biex l-attur jigi vittimizzat minhabba l-ghazla tieghu li jissieheb fid-Drydocks Senior and Executive Staff Union (DSESU).*

*Billi xi zmien qabel dan il-kaz, Vince Micallef, id-Designate Production Manager ta' dakinhar, illum Production Manager) – l-istess persuna li bdiet il-process tac-charge odjern – kien hedded lill-attur talli (flimkien ma' managers ohra) kien irraporta lil certu Martin Xerri (foreman tax-Shipwrights) talli jigi tard u jitlaq kmieni. Vince Micallef kien hadha kontra l-attur talli "espona" lil Martin Xerri, li kien habib kbir tieghu, ma' Barry Johnson, Chief Executive (Ship Repair) u b'hekk tellfu kull cans ta' promozzjoni. Vince Micallef kompla jhedded lill-attur li "mhux ser tieqaf hawn". Vince Micallef huwa l-istess persuna li bdiet il-process tac-charge odjern.*

*Billi dan l-agir jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet ta' l-attur skond il-Ftehim Kollettiv (senjatament l-Artikolu 5) u tal-ligi industrijali, kif ser jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.*

*Billi l-ghemil amministrattiv kiser ukoll il-Kostituzzjoni ta' Malta, senjatament :*

- *Id-dritt ghal smiegh xieraq (Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319),*
- *Id-dritt ghall-protezzjoni minn diskriminazzjoni (Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 14 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319) u*
- *Il-protezzjoni tal-liberta' ta' ghaqda u assocjazzjoni (Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 11 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319).*

*Jghidu l-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ghemil amministrattiv tal-Malta Drydocks u l-proceduri ta' dixxiplina kontra l-attur huma 'ultra vires' ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija hawn fuq, kif hemm mahsub fl-Artikolu 469A tal-Kap. 12.*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-ghemil amministrattiv tal-Malta Drydocks u l-proceduri ta' dixxiplina kontra l-attur kisru l-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta, senjatament :*

- *Id-dritt ghal smiegh xieraq (Artikolu 6 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319),*
- *Id-dritt ghall-protezzjoni minn diskriminazzjoni (Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 14 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319) u*
- *Il-protezzjoni tal-liberta' ta' ghaqda u assocjazzjoni (Artikolu 42 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 11 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319).*

*3. Tiddikjara l-ghemil amministrattiv tal-Malta Drydocks u l-proceduri ta' dixxiplina kontra l-attur nulli, invalidi u minghajr effett.*

*4. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli li ghamlu kwazi-delitt li johrog mill-att amministrattiv, kif ukoll vittimazzazzjoni fil-konfront ta' l-attur.*

*5. Tiddikjara li f'kull kaz il-konvenut naqsu li josservaw il-principjі tal-gustizzja naturali u konsegwentement tiddikjara (a) l-operat taghhom f'dan il-kaz, (b) l-azzjoni ta' dixxiplina kontra l-attur, (c) id-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina u (d) il-piena inflitta fuqu, nulli, invalidi u bla effett.*

*6. Tilllikwida d-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attur.*

*7. Tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu 'in solidum bejniethom' lill-attur id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest tal-20 ta' Gunju 2000, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.*

**Rat** id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur annessa mac-citazzjoni flimkien mal-lista tax-xhieda ;

**Rat** in-nota ta' l-eccezzjonijietipprezentata fis-16 ta' Ottubru 2000, li tghid hekk:

*1. Fl-ewwel lok illi l-konvenut Frans Farrugia, Raymond Vassallo, John Abdilla u Godfrey Borg mhumiex legittimi kontraditturi f'dawn il-proceduri u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju billi huma agixxew biss fil-karigi rispettivi taghhom bhala ufficcjali tal-korporazzjoni Malta Drydocks u in rapprezentanza ta' l-istess; inoltre in kwantu diretti kontra taghhom personalment it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi.*

*2. Illi l-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili invokat mill-attur mhuwiex applikabbli billi l-eghmil li qed jilmenta minnu ma huwiex "eghmil amministrattiv", kif definit fl-istess artikolu.*

*3. Illi konsegwentement l-ewwel talba attrici hija nfondata legalment, u f'kull kaz infondata bhala fatt.*

*4. Illi dwar l-ilmenti kontenuti fit-tieni talba attrici, din il-Qorti ghandha tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-*

*Artikolu 4(2) tal-Att XIV tal-1987 dwar il-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem billi l-attur kellu u/jew ghandu mezzi ohra xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat.*

*5. Illi f'kull kaz l-Artikolu tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem invokati mill-attur mhumiex applikabbli ghall-kaz in ezami, u inoltra ma kien hemm ebda ksur ta' l-istess artikoli.*

*6. Illi anke t-tielet u r-raba' talbiet attrici huma infondati u bla bazi legali u ghandhom jigu michuda.*

*7. Illi l-proceduri dixxiplinarji li ttiehdu kontra l-attur kienu legittimi, regolari u skond il-ftehim kollettiv u l-proceduri ta' dixxiplina vigenti fil-Malta Drydocks. L-istess attur ma kkontestax il-legittimita' tal-proceduri dixxiplinarji, izda kkontesta biss l-akkuzi fil-meritu ghalkemm sussegwentement ammetta bhala fatt in-nuqassijiet tieghu. B'hekk huwa ssottometta ruhu ghall-istess proceduri tant li anke appella mid-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina skond l-istess proceduri ta' dixxiplina u l-appell tieghu ghadu pendenti. F'dan ir-rigward ghalhekk sallum l-attur ghadu ma ezawriex ir-rimedji tieghu taht l-istess Proceduri ta' Dixxiplina, kif lanqas ma ezawrixxa r-rimedji eventwali tieghu quddiem it-Tribunal Industrijali, jew ir-rimedji ordinarji naxxenti mir-relazzjoni kontrattwali tieghu bhala impjegat tal-Malta Drydocks.*

*9. Illi konsegwentement il-hames talba attrici hija infondata u ghandha tigi michuda.*

*10. Illi konsegwentement is-sitt u s-seba' talbiet attrici ghandhom ukoll jigu michuda.*

*11. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

**Rat** id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti flimkien mal-lista tax-xhieda ndikati minnhom ;

**Rat** is-sentenza *in parte* ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-31 ta' Mejju 2001 dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn fid-*decide* tghid hekk –

*Tastjeni, f'dan il-waqt, milli tiddikjara li l-imharrkin Farrugia, Vassallo, Abdilla u Borg, mhumiex il-legittimi kontraditturi tal-azzjoni tal-attur, u ghalhekk u bla pregudizzju ghal dak li jista' johrog izjed 'il quddiem fil-kawza waqt is-smigh, ma tehlishomx milli jibqghu fil-kawza ;*

*Tichad it-tieni eccezzjoni, billi tqis l-eghmejjel li l-attur jixli lill-imharrkin bihom jistghu jigu mistharrga minn din il-Qorti.*

*Fic-cirkostanzi l-ispejjez ta' dawn l-eccezzjonijiet ghandhom jibqghu biex jigu decizi mas-sentenza finali.*

**Rat** l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti prezentata fl-4 ta' Mejju 2007 (fol 244) fejn kien eccepit li *l-attur ma ghadx ghandu interess guridiku f'din il-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.*

**Gharblet** il-provi li ressqu l-partijiet ;

**Rat** l-atti kollha tal-kawza ;

**Rat** in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet ;

**Semghet** it-trattazzjoni bil-fomm tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru 2009 ;

**Rat** id-digriet taghha moghti f'dik l-udjenza fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

**Ikkunsidrat –**

**Il-vertenza**

L-attur kien jahdem il-Malta Drydocks fil-grad ta' Ship Repair Manager. Fit-18 ta' Mejju 2000 huwa rceva ittra

minghand il-Personnel Officer li infurmatu li kienet qed tinhareg *charge* kontrih peress illi kien hareg minn fuq il-post tax-xoghol minghajr ma ippancja. L-attur jallega li kellu raguni valida talli telaq mill-post tax-xoghol. L-attur kellu jidher quddiem Bord ta' Dixxiplina iffurmat *ad hoc* minn impjegati tal-Malta Drydocks li jokkupaw posizzjonijiet gholjin fl-azjenda. L-attur jallega illi l-Malta Drydocks u il-Bord ta' Dixxiplina ma osservawx il-principji tal-gustizzja naturali, illi agixxew *ultra vires* u b'abbuz ta' poter. Jallega wkoll illi bl-agir taghhom il-konvenuti kisru l-Kostituzzjoni u l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta. L-attur temm l-impieg tieghu fil-Malta Drydocks meta thallas skond il-kondizzjonijiet ta' l-iskema tal-irtirar kmieni. Hu jallega li ghamel hekk biex ma jkomplix isofri vittimizzazzjoni min-naha tal-konvenuti.

**<u>L-eccezzjonijiet</u>**

L-eccezzjonijiet li l-konvenuti <u>kollha</u> flimkien ressqu *in limine litis* kienu fil-mertu tat-talbiet attrici (hlief *forsi* l-ewwel eccezzjoni li kienet tirrigwarda l-konvenuti Farrugia, Vassallo, Abdilla u Borg <u>wahedhom</u> fejn eccepew li ma kienux il-legittimi kontradittturi tal-attur).

Kien imbaghad l-<u>eccezzjoni ulterjuri</u> (fol 244) fejn il-konvenuti <u>kollha</u> eccepew li l-attur ma kienx kellu interess guridiku rikjest mil-ligi fil-prosegwiment tal-azzjoni kontrihom.

Din il-Qorti se tqis u tittratta din l-eccezzjoni ulterjuri l-ewwel.

**<u>L-eccezzjoni tan-nuqqas ta' interess guridiku</u>**

**I. <u>Il-posizzjoni tal-Malta Drydocks</u>**

Sakemm fil-qasam tat-tarznari ma sehhewx l-izviluppi maghrufa pubblikament li finalment wasslu sabiex tispicca l-Malta Drydocks u l-haddiema taghha jtemmu l-impieg taghhom, f'din il-kawza ma kienet qamet l-ebda kwistjoni ta' karenza ta' interess fl-azzjoni attrici. Infatti dik l-eccezzjoni ma nghatatx *in limine litis.* Il-kwistjoni qamet

wara li l-attur accetta li jirtira mill-impieg mill-Malta Drydocks b'effett mis-26 ta' April 2002 (fol 96), iffirma d-dikjarazzjoni a fol 97 tal-process u thallas is-somma ta' Lm 17000.

Fis-sentenza "**Fenech Adami vs Abela et**" (6 ta' Ottubru 1999 – Vol.LXXXIII.II.331) il-Qorti tal-Appell sostniet –

*Illi d-definizzjoni accettata fil-gurisprudenza nostrana ta' interess guridiku hija dik tal-**Mortara** li jghid li l-interess guridiku huwa "l'utilita`finale della domanda giudiziale nel tema dell`asserita esistenza o violazione del diritto". Illi ... huwa rekwizit essenzjali li jkun hemm dritt legali li jkun il-bazi li bih l-attur ikun jista' jippromwovi u jitlob l-accertament tieghu permezz ta` l-awtorita` gudizzjarja."*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Lulju 1952 (Vol.XXXVI.II.493) fil-kawza "**Baldacchino vs Bellizzi et**" inghad li –

*... min jistitwixxi azzjoni irid bilfors ikollu xi dritt – "l`azione civile non puo` essere promossa che per far valere un diritto, e da colui a cui il diritto spetti. Mancando l`uno e l`altro di questi requisiti, l`azione e` infondata ed inammissibile."*

Hekk ukoll fis-sentenza "**Eminyan vs Mousu` pro et noe et**" (A.C. – 28 ta' Frar 1997 – Vol.LXXI.II.429) u fis-sentenza "**Scerri et vs Farrugia et**" (PA/RCP – 1 ta' Ottubru 2002) kien affermat li –

*l-interess guridiku jrid ikun reali u attwali u ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali.*

Fil-kawza "**Persiano vs Il-Kummissarju tal-Pulizija**" (PA/JRM – 18 ta' Jannar 2001) jinghad hekk –

*Illi ghal bosta snin il-Qrati taghna fissru li l-elementi mehtiega biex isawru interess ta` l-attur f`kawza huma tlieta, u jigifieri li l-interess irid ikun guridiku, l-interess irid*

*ikun dirett u personali u li dak l-interess ikun attwali. B`ta` l-ewwel, wiehed jifhem li dak l-interess ghandu jkollu mqar iz-zerriegha ta` l-esistenza ta` jedd u l-htiega li tilqa` ghal kull attentat ta` ksur tieghu minn haddiehor. Dan l-interess m`hemmx ghalfejn ikun jissarraf fi flus jew f`valur ekonomiku [ara per ezempju – Qorti tal-Appell – "Falzon Sant Manduca vs Weale" maqtugha fid-9 ta' Jannar 1959 – Kollezz. Vol.XLIII.I.11]. Illi minbarra dawn l-elementi, gie mfisser ukoll li biex wiehed ikollu interess li jiftah kawza, dak l-interess (jew ahjar, il-motiv) tat-talba ghandu jkun konkret u jezisti fil-konfront ta' dak li kontra tieghu t-talba ssir [ara per ezempju is-sentenza ta' din il-Qorti (PA/SP) moghtija fit-13 ta' Marzu 1992 fil-kawza "Francis Tonna vs Vincent Grixti" Kollezz. Vol.LXXVI.III.592]*

Fis-sentenza tas-17 ta' Frar 1993 fil-kawza "**Sammut vs Attard**", il-Qorti tal-Appell, wara li sabet li fil-mori tal-kawza kienu nbidlu xi cirkostanzi, sostniet hekk –

*Sa minn qabel ma nghatat is-sentenza ta` l-Ewwel Qorti, il-kumpannija attrici kienet ittrasferiet id-drittijiet taghha fuq l-art u b'hekk kull interess taghha fl-azzjoni li kienet ipproponiet kontra l-konvenut awtomatikament spicca. U n-nuqqas ta` interess qatel ukoll id-dritt tal-kumpannija attrici in kwantu dan ma giex iddivorzjat mid-drittijiet fuq l-art u lanqas ma gie assunt mit-terzi li akkwistaw dak l-interess.*
***L-interess guridiku, huwa risaput, irid jissussisti matul il-hajja ta` l-azzjoni*** (enfasi u sottolinear ta' din il-Qorti) *Meta dan l-interess tal-kumpannija attrici naqas, il-konsegwenza mmedjata hija li l-konvenut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Il-Qorti da parti taghha ma tistax tkompli bil-gudizzju sakemm il-konvenut stess ma jurix li ghandu interess li jottjeni sentenza kontra l-attur li dak l-interess m`ghandux.*

Fuq l-iskorta ta' din il-gurisprudenza u sentenzi ohra li jsegwu l-istess hsieb, din il-Qorti tghid li l-interess guridiku huwa essenzjalment distint mid-dritt. Huwa propju ghalhekk li l-interess mhux biss irid ikun dirett u attwali izda anke legittimu. Il **Mattirolo** (Vol 1 p.50) ifisser li –

*L`azione compete soltanto a tutela dei diritti ; l`interesse e` scompagnato dal diritto, non vi ha azione, non giudizio possibile ; cosi` che per istituire un giudizio, non basta che un fatto d`altri pregudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto arrechi un danno giuridico che non esiste se non e` 'injuria datum' se cioe' non e` prodotto da chi, esorbitando dalla sfera del diritto proprio, offende un nostro diritto.*

Il-ligi qeghda hemm biex thares dak l-interess li ghandu d-dritt bhala bazi tieghu.

Huwa propju ghalhekk li jinghad li l-interess huwa l-mizura ta` l-azzjoni –
*Il mezzo di tutelare un diritto leso o immediatamente minacciato non puo` essere esercitato senza un interesse, essendo assiomatico che l`interesse e` la misura delle azioni ed e` il motivo che giustifica l`accesso alle aule di giustizia* – **Vol.XXV.I.506**

L-interess irid ikun jezisti mhux biss fil-bidu tal-kawza izda jrid jipperdura matul is-smigh kollu taghha ("**Laferla vs Lauri**" – Qorti tal-Appell – 2 ta' Mejju 2002 ; "**Crossey vs Blackman**" – Qorti tal-appell – 11 ta' Frar 1966 u "**Sammut vs Attard**" op. cit.).

L-interess irid ikun guridiku fis-sens li jrid ikun rikonoxxjut bil-ligi u l-azzjoni trid tkun preordinata ghall-otteniment ta' rimedju protett bil-ligi ("**Darmenia vs Borg Olivier**" – Qorti tal-Appell – 18 ta' Frar 1966).
Meta l-azzjoni ma tkunx kapaci twassal ghal risultat utli ghal min jipproponiha minhabba fatt sopravvenut ghall-istituzzjoni tal-kawza li jezawrixxi jew jestinwi l-interess, dik l-azzjoni ma tistax tregi ("**Amato Gauci et vs Zammit**" – Appell Inferjuri – 19 ta' Mejju 2004).

Fil-kaz tal-lum, wara d-decizjoni sfavorevoli tal-Bord ta' Dixxiplina, l-attur ressaq appell quddiem il-Bord tal-Ewwel Appell, u meta dak l-appell kien ghadu pendenti, ghar-ragunijiet li fisser waqt il-kawza, l-attur ipprezenta l-kawza odjerna. Issa waqt il-pendenza ta' din il-kawza, fit-Tarzna tnediet l-Iskema tal-Irtirar kmieni u l-attur applika ghax qal

li kien qed jigi vittimizzat, allegazzjoni li ghal din il-Qorti ma rrizultatx b'mod oggettiv fuq l-iskorta tal-kumpless tal-provi akkwiziti. It-talba tal-attur kienet milqugha kif jirrizulta mill-ittra tat-12 ta' April 2002 a fol.96 ; f'dik l-ittra l-attur kien avzat li l-ahhar jum tal-impieg tieghu fit-Tarzna kellu jkun is-26 ta' April 2002. Dak il-jum stess ta' tmiem l-impieg u cioe' fis-26 ta' April 2002 l-attur ircieva pagament ta' Lm 17,000 skond l-Iskema tal-Irtirar – fol 97. Id-dokument li jgib il-firma tal-attur ighid *inter alia* hekk-

***<u>Din is-somma ta' flus hija finali u m`ghandi jedd ghall-ebda pretensjoni, dritt jew kumpens iehor mill-Korporazzjoni in konnessjoni mal-impjieg tieghi</u> hlief biss ghall-paga u bonus statutorju pro-rata dovuti sad-data tat-terminazzjoni tal-impjieg. Din il-kundizzjoni tghodd ukoll ghall-perijodu ta' notice u kull tip ta' bonus ghal servizz.***

(sottolinear ta' din il-Qorti)

Ghal din il-Qorti id-dokument ma jhalli l-ebda dubbju dwar il-kontenut tieghu. Id-dokument ighid kjarament x'kien baqa' riservat bi ftehim bejn il-partijiet. Il-prosegwiment ta' din il-kawza ma kienx punt li baqa' riservat. Ghalhekk meta l-attur iddikjara li bil-pagament <u>finali</u> ta' Lm 17,000 ma kellu *jedd ghall-ebda pretensjoni, dritt jew kumpens iehor mill-Korporazzjoni in konnessjoni mal-impjieg tieghu* huwa kien qed **<u>minghajr riserva</u>** "jaghlaq" il-"pretensjonijiet" li kellu f'din il-kawza kontra l-Malta Drydocks.

L-insenjament tal-**<u>Mortara</u>** (*l`utilita` finale della domanda giudiziale sul tema dell` asserita esistenza e violazione di un diritto* – Vol.II Pg.588) ikompli jsostni r-rekwizit ta` l-interess guridiku kostitwit mill-<u>attwalita`</u> tal-interess. Bl-accettazzjoni tal-pagament favur tieghu, u bl-ghoti tar-ricevuta li rrilaxxja, l-attur kien qed itemm kull pendenza gudizzjarja li kellu mal-Malta Drydocks, inkluz l-kawza tal-lum.

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri <u>limitatament</u> fejn din tirrigwarda lill-konvenut**

**Saviour Gauci, Direttur Generali (Operations) fil-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomici li b'digriet tas-27 ta' Frar 2004 kien assuma l-assi minflok il-Malta Drydocks, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel tliet talbiet attrici, u tillibera lill-istess Saviour Gauci fil-kwalita` tieghu premessa mill-osservanza tal-gudizzju.**

## II. Il-posizzjoni tal-konvenuti l-ohra

Kemm min-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur quddiem din il-Qorti diversament presjeduta qabel tat is-sentenza parzjali taghha tal-31 ta' Mejju 2001, kif ukoll mit-test ta' din l-istess sentenza, irrizulta li meta l-attur ressaq l-istanza tieghu, l-intendiment tieghu kien li l-ewwel tliet talbiet ikunu diretti **biss** kontra l-Malta Drydocks, waqt li l-erba' talbiet l-ohra ikunu diretti kontra il-konvenuti Farrugia, Vassallo, Abdilla u Borg.

Deciza l-posizzjoni tal-Malta Drydocks bl-akkoljiment tal-eccezzjoni ulterjuri kif fuq premess, ghar-rigward tal-konvenuti l-ohra, l-interess tal-attur jibqa' mpregudikat ghaliex il-pagament li l-attur ircieva u r-ricevuta li rrilaxxja b'ebda mod ma jaghlqu l-istanza attrici fil-konfront taghhom billi, mill-mod kif kienet impostata l-azzjoni partikolarment bir-raba', bil-hames, bis-sitt u bis-seba' talbiet, huwa evidenti li kienet intiza wkoll sabiex tolqot l-operat u l-imgieba tal-konvenuti l-ohra, in kwantu ghall-konvenut Farrugia bhala Personnel Officer tal-Malta Drydocks, u in kwantu ghall-konvenuti l-ohra bhala Membri tal-Bord ta' Dixxiplina. U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza parzjali tal-31 ta' Mejju 2001 - *... fit-tfassila tal-azzjoni tal-attur, dawn l-imharrkin m'humiex meqjusa f`keffa wahda.*

**Ghalhekk din il-Qorti qeghda tichad l-eccezzjoni ulterjuri fejn din tirrigwarda l-posizzjoni tal-konvenuti Farrugia, Vassallo, Abdilla u Borg.**

**Ikkunsidrat –**

Huwa evidenti mill-mod kif l-attur imposta l-ahhar erba' talbiet tieghu, <u>partikolarment</u> ir-raba' talba, li l-pretensjoni tieghu hija fis-sens li din il-Qorti ghandha tistharreg l-imgieba ta' l-konvenuti Farrugia, Vassallo, Abdilla u Borg fil-kuntest ta' eghmil amministrattiv kif kontemplat fl-Art.469A tal-Kap.12, u jekk issib li jirrizulta dak mahsub bis-subparagrafu (5) tal-istess disposizzjoni, allura din il-Qorti ghandha tipprocedi bil-likwidazzjoni u bil-kundanna ghall-hlas ta' danni. Biex tasal ghal dan kollu, din il-Qorti trid bilfors tgharbel il-vicenda kollha tal-attur kif evolviet.

**<u>Ir-Regolamenti ta' Dixxiplina</u>**

Dawn ir-regolamenti (DOK B) jipprovdu f'taqsimiet specifici ghall-klassifika tad-diversi offizi kif ukoll ghall-makkinarju procedurali li l-impjegat mixli jista' jikkonsegwi fid-difiza tieghu.

Fil-kaz tal-attur, l-akkuza kienet taqa' taht fil-Kategorja A Grupp 1 (iii) u cioe' *misapproprijazzjoni ta' fondi tal-Malta Drydocks inkluzi allowances.*

Din il-Qorti se tissenjala serje ta' regolamenti li tqis rilevanti ghall-fini tal-kaz tal-lum -

1) Jinkombi lill-management li, fi zmien 36 siegha mit-twassil lilha tar-rapport, tohrog ic-*charge* u tassikura li dan ikun debitament notifikat lill-impjegat li jkollu 36 siegha biex iwiegeb bil-fomm jew bil-miktub. (Reg. 11)

2) Una volta l-kaz jigi riferit lill-Bord tad-Dixxiplina kompost minn tliet membri tal-management f'livell ezekuttiv (Reg 14) l-impjegat mixli jkun intitolat li jmexxi l-kaz u d-difiza tieghu huwa stess jew ikun mghejjun minn rapprezentant tat-trade union tieghu jew minn habib purche' impjegat tat-Tarzna. Huwa intitolat ukoll li jsejjah xhieda quddiem il-Bord bl-istess mod koncess lit-Tarzna. (Reg. 13, 34 u 35)

3) Huwa dmir tal-bord *ad hoc* li jipprocedi mill-aktar fis sabiex jiddeciedi c-*charge* u jipprovdi l-kastig li fic-

cirkostanzi jkun jidher misthoqq. Kastig dan li kif kontemplat jista' jikkonsisti minn waqfien mix-xoghol, tnaqqis fil-grad jew tkeccija. (Reg. 15)

4) Mid-decizjoni tal-Bord hu konsentit lill-impjegat dritt ta' appell fuq zewg saffi. L-ewwel lill-Bord tal-Ewwel Appell (Reg. 28) kompost minn tliet membri ezekuttivi tal-manegement (Reg. 29). Imbaghad mid-decizjoni ta' dan lill-Bord tat-Tieni Appell kompost mill-General Manager u minn membri ezekuttivi tal-management u rapprezentant tal-personnel department. (Reg. 31) Dan id-dritt lil dan it-tieni Bord ta' Appell hu suggett ghall-kundizzjoni li l-impjegat jissodisfa lil dan il-Bord li jezisti dubbju *prima facie* li d-decizjoni moghtija fuq l-ewwel appell ma hijiex gusta. [Reg. 30(1)]

5) Id-decizjonijiet tal-Bord tat-Tieni Appell jew dawk tal-Bord tal-Ewwel Appell skond il-kaz huma finali. B'danakollu jekk l-impjegat jibqa' jinsisti li d-decizjoni finali mhix gusta, jista' jirrikorri ghal procedimenti stabbiliti ohra bhal l-hatra ta' *referee* indipendenti. Pero' referenza ghal dan l-arbitru mhix awtomatika izda tinghata biss jekk ir-ragunijiet tal-impjegat jitqiesu gustifikati. (Reg. 32)

6) F'kull kaz l-impjegat ghandu jircievi bil-miktub kull decizjoni moghtija in forza tar-regolamenti. (Reg. 38)

7) Hemm ukoll ir-regola generali li tirrizulta fl-Art.4 u r-rizerva tal-Art.43. Tal-ewwel ighid li l-impjegati kollha tal-Malta Drydocks huma intitolati ghall-gustizzja u ghandhom dritt ghal appell permezz tal-istadji miftehma ta' awtorita' kif hemm stipulat fir-regolamenti, waqt li fl-Art.43 hemm rizervat lill-partijiet id-dritt li jfittxu sodisfazzjoni quddiem it-tribunali ordinarji jekk ikunu tal-fehma li ma tkunx saret gustizzja.

Sakemm ma jigix pruvat li d-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina (kompost mill-konvenuti Vassallo, Abdilla u Borg) ma kenitx in konflitt ma' xi principju fondamentali tal-gustizzja jew kontra dak li jipprovdu l-istess regolamenti m'ghandux ikun hemm kwistjoni dwar il-validita' tad-decizjoni. Mill-banda l-ohra huwa rikonoxxjut id-dritt li

persuna li thossha aggravata b'simili decizjoni li tirrikorri lill-Qrati meta jidhrilha li d-decizjoni tkun ittiehdet b'detriment ghaliha jew bi ksur ta' xi dritt fundamentali jew bi vjolazzjoni tal-istess.

**<u>L-osservanza tar-Regolamenti ta' Dixxiplina</u>**

L-attur kien akkuzat quddiem il-Bord tad-Dixxiplina 'ad hoc' imwaqqaf talli ghamel misappropriazzjoni ta' fondi tal-Malta Drydocks. L-istruzzjonijiet sabiex jitwaqqaf dan il-Bord ta' Dixxiplina nghataw fit-18 ta' Mejju 2000 minn Vince Micallef, Production Manager Ship Repair. Huwa kiteb hekk fl-*internal memorandum* li baghat lil Personnel Officer :

"*With reference to the attached statements, kindly proceed to issue the relative charges to Mr S Galea – SRM – TN 401681 as necessary <u>and proceed</u> to appoint an 'ad hoc' board to hear this case urgently*" (enfasi tal-Qorti)

L-attur kien infurmat b'ittra tat-18 ta' Mejju 2000 bic-*charges* li kien qed ikun mixli bihom u l-ghada 19 ta' Mejju 2000, intbaghtu *internal memoranda* lil dawk il-persuni mpjegati ta' Malta Drydocks li kienu appuntati bhala membri tal-bord ta' dixxiplina ghas-smigh ta' dan il-kaz.

Kemm l-istruzzjonijiet moghtija minn Micallef kif ukoll il-procedura segwita ma kienux konformi mar-Regolamenti ta' Dixxiplina tal-Malta Drydocks (<u>fol. 57 tal-process</u>) partikolarment <u>Regolament 11</u> fejn l-ewwel kellu jigi notifikat l-impjegat bic-*charge* kontra tieghu, jinghata 36 siegha sabiex jirrispondi jew bil-fomm jew bil-miktub, imbaghad "*jekk l-impjegat li jsirlu dan ic-charge jonqos milli jwiegeb ghalih fi zmien il-perjodu msemmi hawn fuq jew, bil-fehma tal-Personnel Manager, ma jiskulpax ruhu, il-Personnel Manager ghandu jirreferi l-kaz lill-Bord tad-dixxiplina 'ad hoc' li jigi nominat skond ir-Regolament 14.*

Skond ix-xhieda ta' Anthony Restall, Human Resources Executive, "*impjegat mhux necessarjament jigi nfurmat li ser jittiehdu passi u jintalab spjegazzjoni*".

Pero’ mhux hekk ighidu r-Regolamenti.

Fil-kaz specifiku tal-attur, ma tressqu l-ebda provi ta’ xi ittri mibghuta lill-attur fejn dan kien qed jigi infurmat bic-*charge* u mwissi li ghandu 36 siegha sabiex jaghti spjegazzjoni lis-superjuri tieghu. Lill-attur din l-opportunita’ ma inghatatlux. Anzi jidher li l-attur kien qed jigi sorveljat bil-mohbi, u meta “inqabad” u gie ‘*charged*’ kif spjegat aktar ‘l fuq u infurmat illi kellu jidher quddiem Bord ta’ Dixxiplina.

Skond ir-Regolamenti, l-attur kellu jinghata l-opportunita’ li jaghti spjegazzjoni bil-fomm jew bil-miktub, u wara, il-Personnel Officer kellu jiddeciedi jiehux passi ulterjuri jew le. Jirrizulta li din il-parti tal-procedura giet injorata ghal kollox u l-attur tressaq <u>mill-ewwel</u> quddiem Bord ta’ Dixxiplina. Din il-Qorti temmen li dan l-agir kiser id-dritt tal-attur li jaghti spjegazzjoni <u>qabel</u> ikun mixli formalment. Li l-attur kien fil-mira ta’ l-amministrazzjoni fuq suspett ta’ abbuz fuq il-post tax-xoghol huwa rifless fil-fatt illi Barry Johnson kien qabbad xi *security guards* sabiex joqghodu ghassa ghall-*managers* li kienu dehlin u hergin mill-Malta Drydocks.

Din il-Qorti temmen li ghalkemm kull amministrazzjoni tista’ tissorvelja lill-haddiema taghha sabiex tipprevjeni u tikkontrolla l-abbuz fuq ix-xoghol, fl-istess waqt kull haddiem ghandu jkollu l-jedd jiddefendi ruhu kif previst mir-regoli tad-dixxiplina fil-kaz li jkun mixli b’abbuz.

**<u>Principji tal-Gustizzja Naturali</u>**

Huwa pacifiku illi l-ligi amministrattiva Maltija hija bbazata fuq dik Ingliza (ara “**<u>Cassar Desain vs Forbes noe</u>**” - Qorti ta’ l-Appell - 7 ta’ Jannar 1935 u “**<u>Lowell et vs Caruana et</u>**” – Prim’Awla tal-Qorti Civili - 14 ta’ Awwissu 1972) . Kemm il-principju tal-*judicial review* kif ukoll il-principji tal-gustizzja naturali kienu ilhom jigu applikati ferm qabel ma l-Parlament Malti introduca ligijiet *ad hoc*. Il-Qrati Maltin minn dejjem affermaw illi fejn kellna tirrizulta *lacuna* fid-Dritt Pubbliku (u d-Dritt Amministrattiv huwa

fergha tad-Dritt Pubbliku) japplikaw il-principji tal-Ligi Ingliza.

Fil-kuntest ta' *eghmil amministrattiv,* il-principji tal-gustizzja naturali qeghdin inkorporati f'Art.469A1(b)(ii) tal-Kap.12.

Il-Qorti tista' tissindaka "eghmil amministrattiv" u tiddikjarah null jekk jirrizulta illi l-awtorita' pubblika jew governattiva *tkun naqset milli tosserva l-prinicipji tal-gustizzja naturali jew htigijiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil*.

Huwa risaput li l-principji tal-gustizzja naturali huma dawk il-principji minimi li ghandhom ikunu osservati waqt proceduri 'kwazi gudizzjarji' ta' bord amministrattiv, tribunal jew anki entita' amministrattiva illi ghandha l-kompitu li tiddeciedi fatti li fuqhom imbaghad ghandha l-poter li tiehu decizjonijiet li jaffettwaw id-drittijiet tal-persuna.

Issa fil-kaz tal-lum, it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti diga' giet respinta bid-decizjoni *in parte* ta' din il-Qorti diversament presjeduta tal-31 ta' Mejju 2001 meta din il-Qorti qieset li l-eghmejjel li l-attur kien qed jixli lill-konvenuti bihom setghu jigu mistharrga minn din il-Qorti.

Iz-zewg principji tal-gustizzja naturali huma :

1) "**audi alteram partem**". Dan il-principju huwa l-pern tad-dritt ghal smigh xieraq. Ghalhekk kull persuna ghandha dritt li tinghata l-opportunita' li tiddefendi l-kaz taghha bl-ahjar mezzi disponibbli ghaliha u li tinghata zmien adegwat sabiex tipprepara l-kaz taghha.

2) **"nemo debet esse iudex in propria causa potest**" jew "**nemo judex in re sua**". Dan il-principju jirrifletti d-dritt ghal gudikant indipendenti u imparzjali. Kull persuna ghandha d-dritt li tressaq il-kaz taghha quddiem gudikant jew entita` b'funzjonijiet gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji li

huma imparzjali u minghajr ebda pregudizzju ghal kaz in ezami.

Mill-gurisprudenza jidher li jemergi t-tielet principju u cioe' d-dmir ta' entita' amministrattiva illi taghti ragunijiet ghad-decizjoni taghha (the duty to give reasons)

Fis-sentenza Ingliza **Ridge v. Baldwin**[1] 'the right to a fair hearing' gie iddikjarat bhala **'a rule of universal application'**. Lord Loreburn identifika dan il-principju fil-kawza **Board of Education v. Rice**[2] u afferma li l-applikazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali **'is a duty lying upon everyone who decides anything'**.

**Wade and Forsyth**[3] infatti jghidu hekk :

"Experience has shown that there are remarkably few true exceptions to this 'duty lying upon everyone who decides anything', at any rate **anything which may adversely affect legal rights or liberties**" (enfasi tal-Qorti)

Fis-sentenza "**Borg vs l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku**" deciza fil-21 ta' Mejju 2009 minn din il-Qorti (PA/JRM) inghad hekk dwar il-principji tal-gustizzja naturali -

*Bil-kemm ghandu jinghad li l-htiega li t-tribunal jew awtoritajiet amministrattivi jharsu b'mod skrupoluz it-thaddin ta' dawn il-principji hija wahda li m'ghandux ikun hemm disposizzjoni espressa tal-ligi sabiex wiehed japplikaha. It-tharis ta' dawn il-principji fit-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika ghandu jkun il-kejl minimu li jiggarantixxi t-trasparenza u s-siwi tal-eghmil amministrattiv. Ghall-kuntrarju in-nuqqas ta' tharis ta' dawn il-principji jwassal ghall-irritwalita' tal-eghmejjel hekk imwettqa u ghat-thassir taghhom.*

(ara wkoll – "**Debono vs Phoenicia Systems Ltd**" – Appell Inferjuri – 19 ta' Mejju 2004)

---

[1] [1964] AC 40
[2] [1911] AC 179
[3] 'Administrative Law' (10th edn, OUP 2009) pg.408

Persuna ghandha dritt li jkollha pre-avviz adegwat dwar proceduri li jkunu ser jittiehdu kontra taghha. Dan iwassal ghal dak affermat minn **<u>Evans</u>** **<u>De Smith</u>** fil-**<u>Judicial Review of Administrative Action</u>** (4th Edition – pag.196) –

*Natural justice generally requires that the persons liable to be directly affected by the proposed administrative acts, decisions or proceedings be given adequate notice of what is proposed, so that they might be in a position : (a) to make representations on their own behalf ; or (b) to appear at a hearing or inquiry (if one is to be held) ; and (c) effectively to prepare their own case and to answer the case (if any) they have to meet … In a large majority of the reported cases where breach of the audi alteram partem rule has been alleged, no notice whatsoever of the action taken or proposed to be taken was given to the person claiming to be aggrieved and failure to give him proper notice was tantamount to denial of an opportunity to be heard on that matter.*

(ara – "**<u>Cachia Faerne vs Segretarju Permanenti et</u>**" – PA/TM – 20 ta' Ottubru 2005 u "**<u>Gonzi vs Malta Drydocks Corporation et</u>**" – PA/PS – 27 ta' Ottubru 2004)

Fis-sentenza tal-31 ta' Lulju 2000 fil-kawza "**<u>Tabone et vs Avukat Generali</u>**" il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet hekk :

*Hekk jinsab assodat fi skorta ta' decizjonijiet illi bordijiet u tribunali li jkollhom attribuzzjonijiet u funzjonijiet decizjonali ma jistghux, fl-espletament ta' dawk l-istess attribuzzjonijiet u funzjonijiet, jinjoraw il-principji bazici ta' gustizzja naturali. Ghall-kuntrarju, hu anzi mistenni minnhom li jirrispettaw dawn l-istess principji li, proprju ghax fundamentali, jintitolaw li kull parti fil-procediment li jkollha l-opportunita' li tiddefendi l-kaz taghha u taghmel is-sottomissjonijiet kollha taghha.*

Filwaqt li huwa accettat li l-gudikanti tal-bordijiet ghandhom certa diskrezzjoni fl-applikazzjoni tar-

regolamenti, mill-banda l-ohra l-proceduri quddiem bordijiet kostitwiti bir-regolamenti huma soggetti ghall-iskrutinju tal-qrati ghall-ahjar harsien tal-jeddijiet fundamentali fil-kaz ta’ determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi ta’ natura civili. Ezami dan li bilfors jinvolvi indagni dwar jekk parti thallietx tinstema` u tressaq il-provi taghha, tkun difiza, taghmel l-osservazzjonijiet kollha li jidhrilha u li jigi assikurat ukoll li d-decizjoni moghtija mhux biss tkun sew motivata anke jekk bil-minimu konsentit izda wkoll li kopja taghha u ta` kull dokument iehor pertinenti jigu provduti biex il-parti tkun in grad li tiddefendi ruhha sew u ma tkunx zvantaggjata f’kaz li tkun trid tirrikorri ghal appell.

**<u>Imparzjalita’ u Indipendenza</u>**

Meta gharblet l-imgieba tal-membri tal-Bord tad-Dixxiplina fil-kaz tal-lum, din il-Qorti tghid li l-membri ma kienux indipendenti izda kienu soggetti ghad-direzzjoni tal-Personnel Department.

Fit-twettieq tal-mansjonijiet tieghu, Bord ta’ Dixxiplina ma jistax ikun soggett ghal direzzjoni minn fuq, lanqas fejn si tratta ta’ procedura. Meta jkun hemm karenza ta’ regoli ta’ procedura, huwa l-Bord stess li jrid jirregola l-procedura li ghandha tkun segwita quddiemu, dejjem bl-osservanza tal-principji tal-gustizzja naturali.

Qed issir riferenza ghax-xhieda tal-konvenut <u>Godfrey Borg</u> (fol.316) dwar dwar it-talba ta’ l-attur quddiem dan il-Bord li jkun assistit minn rapprezentant tal-<u>union tieghu</u> :

*Ahna staqsejnieh, hares jekk inti ha taghmel li, ahna jkollna bilfors immorru* ***<u>nirrikorru ghand il-personnel halli jtina gwida</u>*** *jekk hux dan hux accettabbli bhala rappresentant tieghu ... ghax li kieku baqa’ jsostni ahna ghalina ma kellna l-ebda problema l-bord, konna mmmorru fuq il-personnel department ta’ dak iz-zmien, nghidulu hares dan qed isir hekk, jista’ jaghmilha din ?* (<u>sottolinear u tipi suwed - enfasi ta’ l-Qorti</u>)

*Direzzjoni* bhal dik prospettata ma tistax tkun accettabbli go Bord ta' Dixxiplina li jrid jiddetermina jekk haddiem ikkommettix jew le nuqqas gravi li kien akkuzat bih propju ghaliex il-konsegwenza tad-decizjoni tal-Bord tolqot direttament id-drittijiet ta' l-impjegat li qed jidher quddiemu.

Indipendenza u mparzjalita', ghalkemm marbutin ma' xulxin, mhumiex l-istess. L-indipendenza hija kwalita' kemm ta' tribunal bhala istituzzjoni kif ukoll tal-membri tieghu. Biex tribunal bhala istituzzjoni jitqies indipendenti jrid ikollu s-setgha li jasal ghad-decizjonijiet tieghu fuq apprezzament awtonomu tal-fatti u tal-ligi li tapplika ghall-kaz li jkollu quddiemu. Ma jkunx indipendenti jekk ikun marbut li joqghod fuq l-opinjoni ta' xi awtorita' ohra (ara d-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz ta' "**Beaumartin vs France**" (A.296-B. 1994) Barra minn hekk id-decizjoni tieghu trid tkun torbot u ma tistax tinqaleb jekk mhux wara procedura quddiem tribunal iehor li jkollu l-istess indipendenza (ara d-decizjoni maghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-bniedem fit-23 ta' Ottubru 1985 fil-kaz ta' "**Bentham vs The Netherlands**" (A.97. 1986)

Tribunal ma jitqiesx indipendenti, ghax ma jkunux hekk il-membri tieghu, jekk ghalkemm ikollu s-setgha legali li jaghmel apprezzament awtonomu u jasal ghal decizjoni li torbot, il-membri tieghu jkunu **f'posizzjoni ta' suggizzjoni** quddiem wahda mill-partijiet. Dan jista' jigri jew ghax membru tat-tribunal ikun **gerarkikament inferjuri** ghal wahda mill-partijiet, bhal meta dak il-membru jkun ukoll membru ta' korp organizzat u parti tkun superjur tieghu f'dak l-istess korp [ara d-decizjoni moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-22 ta' Ottubru 1984 fil-kaz ta' "**Stramek vs Austria**" (A.84 1984)] jew inkella ghax parti jkollha s-setgha tiddeciedi jekk membru tat-tribunal jibqax membru jew le.

Il-kriterji sabiex jinghad jekk jekk tribunal huwiex indipendenti f'dan is-sens kienu mfissra mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' "**Campbell & Fell vs United**

**Kindgom**" fid-decizjoni moghtija fit-28 ta' Gunju 1984 (A.80 – 1984) fejn il-Qorti qalet hekk –

*In determining whether a body can be considered to be 'independent' – notably of the executive and the parties to the case – the court has had regard to the manner of appointment of its members and the duration of their term of office, the existence of guarantees against outside pressures and the question whether the body presents an appearance of independence.*

L-imparzjalita' hija kwistjoni ta' kwalita' tal-membri ta' tribunal aktar milli l-kwalita' tat-tribunal innifsu bhala istituzzjoni. Biex tribunal jitqies imparzjali, il-membri tieghu ma jridx ikollhom pregudizzji jew simpatiji ma' xi parti. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza taghha tal-24 ta' Mejju 1989 fil-kaz "**Hauschildt vs Denmark**" (A.154 – 1989) tghid hekk -

*The existence of impartiality for the purpose of article 6(1) must be determined according to a subjective test that is on the basis of the personal conviction of a particular judge in a given case and also according to an objective test that is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficiento to exclude any legitimate doubt in this respect*

Fil-kaz tal-lum, kif diga' rajna, il-membri tal-Bord de quo kienu karenti f'dawn l-aspetti u ghalhekk l-attur garrab pregudizzju.

**Dritt ta' Rapprezentanza tal-Impjegat**

Reg.13 tat-Tielet Parti, Provvedimenti Dwar Grupp I, tar-Regolamenti ta' Dixxiplina jaqra hekk :

*L-impjegat li jsirlu dan ic-charge ikun intitolat li jmexxi l-kaz ta' difiza tieghu huwa nnifsu quddiem il-Bord imsemmi u/jew li jkun mghejjun minn* ***rapprezentant tat-Trade Union tieghu*** *jew* ***habib li jrid ikun impjegat tal-Malta Drydocks*** *u jkun intitolat ukoll li jsejjah xhieda quddiem il-Bord".*

(sottolinear u tipi suwed - enfasi ta' l-Qorti)

Il-Qorti tosserva li lanqas dan ir-regolament ma kienx osservat. Infatti il-konvenut Borg li kien membru tal-bord ta' dixxiplina xehed hekk -

*Skont ir-regolament, persuna setghet tigi rapprezentata minn rapprezentant tal-union maghrufa jew il-bqija minn habib li jkollu fiducja fih." (ara fol. 148).*

Dawn il-kliem irribadihom f'deposizzjoni ulterjuri (ara fol. 320 tal-process) fejn Borg spjega li l-Bord ma kienx jaf kellux jaccetta o meno r-rappresentanza ta' Anthony Zahra minn naha tal-Union DSESU ghaliex ma kienux jafu jekk tali union kenitx irrikonoxxuta jew le. Ghalhekk kien deciz li l-attur ikun rapprezentat minn dan Zahra bhala *habib* li jahdem it-Tarzna.

Minn dawn il-provi jirrizulta allura li anki membru tal-Bord li kellu jiddeciedi dwar il-kaz ta' l-attur jew ma kienx jaf bir-regolament inkella ghad li kien jaf ir-regolament ghazel li jinterpretah kif ried hu. Din il-Qorti taghmel enfasi fuq it-tieni possibilita' propju ghaliex ir-regolament in kwistjoni huwa car u ma jaghmilx referenza ghal 'rapprezentant tal-union *maghrufa*' izda biss ghal 'rapprezentant tat-Trade Union *tieghu*". Ghalhekk l-attur kellu dritt li jkun rapprezentat minn Anthony Zahra bhala *rappresentant* tal-Union DSESU, u mhux biss bhala *habib* li jahdem id-Drydocks. Jidher illi l-Union DSESU kienet ukoll tat direttiva kontra l-Personnel Officer Frans Farrugia ghaliex huwa "..*has been constantly ignoring our representation as a recognised Trade Union*". (ara fol. 83 tal-process). Bhala fatt il-Bord ta' Dixxiplina ppermetta lil Anthony Zahra, li jassisti lill-attur bhala *habib* tieghu izda mhux bhala rapprezentant tal-union tal-attur.

Irrizulta li l-Bord ta' Dixxiplina zamm seduta wahda li fiha sema' diversi xhieda u fl-istess gurnata ta decizjoni. L-attur wera illi kien ser jappella kontra dik id-decizjoni. Fil-25 ta' Settembru 2000 huwa kiteb lil Anthony Restall sabiex javzah li xtaq illi jkun assistit minn avukat u minn

Anthony Zahra (ara fol. 86 tal-process). Anthony Restall kiteb lura u nfurmah illi :

*….. ma ghandna l-ebda oggezzjoni li s-sur Zahra, Ship Repair Manager, jassistik meta tidher quddiem il-Bord ta' l-Ewwel Appell, pero' l-Kodici tad-Dixxiplina tat-Tarzna, (it-Tielet Parti "Provvedimenti Dwar Grupp I (13)) jghid li mpjegati tat-tarzna biss jistghu jassistu/jiddefendu lil haddiema quddiem Bord ta' Dixxiplina. Ghaldaqstant, skont il-proceduri tat-Tarzna, ma tistax tkun assistit minn avukat tal-ghazla tieghek.*

Kull persuna illi tidher quddiem Bord ta' Dixxiplina akkuzata ta' xi reat fuq il-post tax-xoghol ghandha d-dritt ghal smiegh xieraq u dan jinkludi fost l-ohrajn, id-dritt ghal **'difiza pjena**'.

Il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **"Zammit v. General Workers' Union et"** irriteniet hekk rigward il-principju tad-difiza pjena :

*Jekk dan id-dritt jinkludix dritt ta' avukat a xelta ta' dak li jkun, jidher li ghadu ma giex accettat universalment. Fil-ktieb 'De Smith's Judicial Review' (6 edn 2007, p. 404) jinghad li s-sitwazzjoni l-aktar sana hi 'that the decision-maker possesses a discretion whether to allow legal representation and everything depends on the circumstances of the particular case. The courts may then scrutinise the exercise of that discretion according to the ordinary principles of review. Il-Qrati taghna, pero' jidher li hadu posizzjoni aktar cara. Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Grech v Avukat Generali deciza fl-20 ta' Dicembru 2000, qalet li meta hemm in ballo d-determinazzjoni tad-drittijiet u l-obbligu civili ta' dak li jkun, dak l-individwu ghandu dritt ghal smigh xieraq 'li certament jinkludi fost l-elementi kostitutivi tieghu dak ta' l-assistenza minn persuna kompetenti fid-difiza tal-jeddijiet tieghu'. Fil-kawza Farrugia v. Direttur tas-Sigurta' Socjali deciza minn din il-Qorti (sede inferjuri) fit-23 ta' Frar, 2005, gie osservat ukoll li, fil-principju, id-dritt ghas-smigh xieraq jinkludi 'l-facilita' li, fid-difiza tal-kaz tieghu, persuna*

*<u>ghandha jkollha</u> <u>rappresentanza legali adegwat u effettiva</u>".*

## **<u>Procedura fil-Bord ta' Dixxiplina</u>**

Jidher illi kien dan il-Bord ta' Dixxiplina stess li kien qed iressaq il-kaz kontra l-attur.

Fid-deposizzjoni tieghu, l-attur jixhed hekk (ara fol. 99 tal-process) :

*Fil-proceduri ma kienx hemm prosekutur jew xi hadd biex iressaq l-akkuza u l-provi ghan-nom tat-Tarzna. Kien il-bord stess li beda jressaq ix-xhieda u jistaqsihom kollox. Il-Bord stess kien qiesu prosekutur.*

Din il-Qorti tghid li dan huwa ksur car tal-principji tal-gustizzja naturali, kif ukoll ta' r-Reg.37 fejn jinghad li l-akkuzat '*will be given adequate opportunity to present the case and to examine and cross-examine witnesses'*.

F'dan il-kaz, il-gudikant libes il-vesti ta' prosekutur. U propju ghax gara hekk kienet adottata procedura inaccettabbli ghaliex ma kenitx tassigura l-gustizzja procedurali u sostantiva. Jekk il-bord stess kien qieghed iressaq il-kaz hu, allura huwa ovvju li l-bord kien diga' pregudikat mill-bidu tas-smigh tal-proceduri kontra l-attur. Il-kompitu tal-bord ma kienx li jressaq il-provi kontra l-attur. Il-bord kellu l-kompitu li jqis l-akkuzi kontra l-attur, jisma' l-provi nkluz dawk tal-attur, u mbaghad jiddeciedi abbazi tal-provi. Il-bord kellu jistabilixxi jekk l-attur kienx hati skond l-akkuza u jekk dak kien il-kaz jinfliggi l-piena.

## **<u>Access ghal dokumenti</u>**

L-attur talab lill-membri tal-bord sabiex ikollu access u vizjoni tad-dokumenti. Jidher illi access inghatalu biss waqt is-seduta quddiem il-bord u ma nghatatx kopja taghhom. Dan ifisser illi d-difiza tieghu kellu jaghmilha '*there and then'* peress illi il-process ta' dixxiplina sar dak in nhar stess u d-decizjoni ittiehdet dak in-nhar stess (ara fol. 69 tal-process).

Dwar l-istatements ta' nies involuti fil-kaz tal-attur, il-konvenut Ray Vassallo, ukoll membru tal-Bord ta' Dixxiplina, ighid li l-procedura kienet li ma jurux l-i*statement* ta' dawn in-nies izda li jtellghuhom bhala xhieda waqt il-proceduri quddiem il-bord (ara fol. 107 tal-process). Huwa jkompli jixhed li (ara fol 108) –

*Wara s-seduta kienu regghu talbu lili personali ghall-kopja ta' dawn l-istatements. U jien ghedtilhom ma ghandi xejn x'nahbi jekk trid nistghu naghtuhomkom pero' niccekkja mal-personnel rigward il-procedura. U ccekkjajt u t-twegiba kienet illi le. Bhala procedura dawn ma jinghatawx l-istatements.*

*Jidhirli li Galea kien talab kopji ta' dawn il-minuti. Pero' ma inghatawlux billi mhumiex parti mill-procedura.*

Dan huwa kkonfermat mill-konvenut John Abdilla wkoll, membru tal-bord ta' dixxiplina, li xehed (a fol. 113 tal-process) –

*… x-xhieda tas-security guards ma jistax jehodhom minn ghandna imma jekk irid jista' jehodhom minghand il-personnel.*

Mill-provi rrizulta li l-attur ma kellux kopja tax-xhieda jew *statements* maghmula kontra tieghu izda tali *statements* inqraw quddiemu u quddiem il-persuna li kitbet l-i*statement* u dan ta' l-ahhar kien ivverifika tali *statement* u wiegeb ghad-domandi. Jidher ukoll illi l-impjegat kellu jaghmel id-domandi tieghu lix-xhud f'dik l-istess gurnata.

Il-konvenut Borg xehed (ara fol. 122 et seq) illi bhala bord huma ma setghux jaghtu l-ebda dokument prodott waqt il-procedura lill-akkuzat. Lanqas kienu ghaddew id-decizjoni taghhom lil akkuzat izda baghtu kollox lill-Personnel Department. Il-persuna inkarigata ta' dan id-dipartiment, il-konvenut Frans Farrugia xehed (ara fol. 132) li ma kenitx procedura normali li jinghataw id-dokumenti prodotti waqt il-procedura ta' dixxiplina. Godfrey Borg xehed hekk dwar it-talba ta' l-attur sabiex

jinghatawlu d-dokumenti kollha wara li ttiehdet id-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina –

*Il-verita' hija li dan talab kopja ta' l-affarijiet kollha w ahna ghidnielu ahna c-chairman m'ghandna l-ebda problema li jkollok pero' naturalment irridu nirreferu mas-sistemi u mal-proceduri li hemm stabbiliti fil-personnel department, fil-proceduri tat-tarzna ta' dak iz-zmien.*

Jidher ghalhekk sufficjentement pruvat illi l-bord ma kienx irregola l-procedura tieghu, izda kien qed jiehu direzzjoni mill-personnel department. Kif ukoll ma tax lill-attur kopja tad-dokumenti relatati mad-decizjoni tieghu f'dan il-kaz. Dan jikkostitwixxi huwa ksur tal-principji tal-gustizzja naturali peress li l-attur ma nghatax l-opportunita' u l-access ghall-'*piena difesa'*.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Azzopardi v. Maltacom plc**" deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' Awwissu 2000 kien ritenut -

... *l-proceduri quddiem bordijiet imwaqqfa b'dawn ir-regolamenti kienu soggett ta' skrutinju mill-qrati ghall-ahjar harsien tal-jeddijiet fundamentali fil-kaz ta' determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi ta' natura civili. Ezami dan li necessarjament kien jinvolvi indagini dwar jekk parti thallietx tinstema` u tressaq il-provi taghha, tkun difiza, taghmel l-osservazzjonijiet kollha li jidhrilha* ***u li jigi assikurat ukoll li d-decizjoni moghtija mhux biss tkun sew motivata, anke jekk bil-minimu konsentit, izda wkoll li kopja taghha u ta' kull dokument iehor pertinenti jigu provduti biex il-parti tkun in grad li sew tiddefendi ruhha, u ma tkunx zvantaggjata f'kaz li tkun trid tirrikorri ghad-dritt lilha moghti ta' l-appell, jew appelli, f'dan il-kaz.***

Din il-Qorti tghid li l-attur ma kienx inghata zmien adegwat biex ihejji d-difiza tieghu u ma kellux id-dokumenti necessarji biex jistudja l-kaz bir-reqqa. Din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-attur ma setax ihejji tajjeb l-appell tieghu quddiem il-Bord tal-Ewwel Appell ghax ma kellux

id-dokumenti li bihom isostni l-appell. Ghalhekk l-attur irrikorra ghall-proceduri odjerni.

**Id-Decizjoni tal-Bord**

**Htija**

Il-Bord ta' Dixxiplina sab lill-attur hati talli –

*a) Deliberately trying to abuse or deceive in connection with time- keeping.*
*b) Attempting to misappropriate, to his benefit, MDD funds including allowances.*

**Il-Piena**

Il-piena nflitta kienet kif gej –

*(i) you be suspended from duty without pay for thirty-two (32) consecutive days, (which suspension also includes the automatic suspension) ; and*
*(ii) recommends that should you be found guilty of a similar offence, your employment should be terminated*

Irrizulta li l-attur appella mid-decizjoni tal-Bord ta' Dixxiplina. Ghalhekk pendenti d-decizjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell, il-piena nflitta ma gietx ezegwita. L-appell baqa' mhux deciz billi fil-frattemp lahqet saret din il-kawza. Ghalhekk sal-mument li din il-kawza thalliet ghas-sentenza, fir-realta' l-attur ma nkorra l-ebda telf finanzjarju effettiv u materjali kostitwit mis-sospensjoni mix-xoghol *without pay for thirty-two (32) consecutive days, (which suspension also the automatic suspension).* Tant dan huwa hekk li minn esami akkurat tal-atti kopjuzi ta' din il-kawza, minn imkien ma jirrizulta li l-attur ressaq prova tal-*quantum* tad-danni, prova li kienet tispetta lilu u lilu biss ladarba kien qed iressaq talba ghal-likwidazzjoni ta' danni. Dan kollu premess, u fl-assenza ta' prova ta' *quantum* ta' danni da parti tal-attur, din il-Qorti tirrileva li sabiex l-attur jirreklama danni (li taghhom ma gabx prova), huwa kellu bilfors jissodisfa r-rekwiziti tal-Art.495A(5) tal-Kap.12.

**L-Art.469A(5) tal-Kap.12**

Dan is-subinciz partikolari jaqra hekk -

*F'azzjoni li ssir bis-sahha ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tieghu talba ghall-hlas tad-danni li tkun imsejsa fuq ir-responsabbiltà allegata ta' l-awtorità pubblika li tkun ghamlet delitt jew kwazi delitt li johrog mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma ghandhomx jinghataw mill-qorti meta minkejja l-annullament ta' l-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx agixxiet in mala fede jew b'mod mhux ragonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setghet legalment u ragonevolment giet michuda taht kull setgha ohra.*

L-attur qed jallega illi d-decizjoni ittiehdet **b'mala fede u b'irragonevolezza** u nvoka l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 469A(5).

Il-mala fede u l-irragonevolezza fil-kamp tad-Dritt Amministrattiv kienu zviluppati fil-*Common Law* Ingliza bil-kuncetti ta' **'bad faith'** u '**unreasonableness**'. Hafna drabi dawn iz-zewg elementi jezistu flimkien u jkun difficli tissepara wiehed mill-iehor ghaliex kemm 'bad faith' kif ukoll 'unreasonableness' jitlobu element estranju introdott bhala l-bazi tad-decizjoni ta' l-entita' amministrattiva, f'dan il-kaz il-Bord ta' Dixxiplina. Lord Greene MR fil-kaz Ingliz maghruf bhala l-**Wednesbury**[4], ittratta z-zewg elementi bhala interkambjabbli u l-awturi **Wade & Forsythe** isostnu li -

*Bad faith therefore scarcely has an independent existence as a distinct ground of invalidity..*[5]

L-oneru tal-prova mhux wiehed facli peress illi meta l-attur ikun qed jinvoka Artikolu 469A(5) tal-Kap.16 irid juri li l-agir ta' l-amministrazzjoni kien imsejjes fuq ragunijiet kompletament esterni minn dawk illi kellhom jitqiesu sabiex iwasslu ghal decizjoni ekwa u gusta.

---

[4] Associated Provincial Picture Houses Ltd. V. Wednesbury Corporation [1948] 1 KB 223

[5] 'Administrative Law' (10th edn, OUP 2009) pg.352

Id-dottrina tal-*mala fede* timplika disonesta' u nuqqas ta' intenzjonijiet tajba fit-tehid tad-decizjoni. L-istess l-*irragonevolezza* li tirrikjedi wkoll konsiderazzjonijiet estranei ghal dawk li l-amministrazzjoni suppost tikkonsidra f'kaz partikolari.

Dwar il-kriterju tar-"ragonevolezza", din il-Qorti diversament presjeduta (PA/NC) fis-sentenza taghha tat-22 ta' Dicembru 2003 fil-kawza "**Buttigieg vs Rettur tal-Universita ta' Malta et**" irriteniet li -

*F'dan ir-rigward huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet guridici bazati fuq insenjament anki tal-Qrati Inglizi. Illi fis-sentenza "Neg. Ugo Pace vs Prof. Joseph Anastasi Pace noe" din il-Qorti diversament presjeduta ghamlet riferenza ghall-kawza "Giorgio Demarco et noe vs James Turner noe et" fejn gie ntravvedut ir-rekwizit tar-"reasonable exercise". It-tests ta' "unreasonableness" fl-esercizzju ta' poteri simili gew enunzjati fil-kawza "Kruse vs Johnson" tal-1898 b'dan il-mod : If they are manifestly unjust, if they disclosed bad faith, if they could find no justification in the minds of reasonable men.*

L-awtur Ingliz **HWR Wade** fil-ktieb tieghu "**Administrative Law**" jikkumenta hekk -

*A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but what he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably.*

Tqum il-kwistjoni dwar *the legal standard of reasonableness* li huwa mehtieg sabiex jigi sodisfatt dak ir-rekwizit ghax, kif jikkumenta l-istess awtur, *virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons but the question then is*

*whether they measure up to the legal standard of reasonableness … within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires*.

Kien ritenut ukoll li sabiex decizjoni titqies ragonevoli jehtieg li tkun bazata fuq kriterji oggettivi ("**Dingli et vs Kontrollur tad-Dwana et**" – Appell – 27 ta' Marzu 2009 u "**Dalli vs Sollars et**" – PA/RCP – 20 ta' Ottubru 2009)

Fil-kaz tal-lum, il-Bord ta' Dixxiplina sab lill-attur hati fuq l-iskorta tar-rapport tas-*security guards* li l-management tad-Drydocks kien qabbad sabiex jaghmlu l-ghassa ghall-movimenti ta' l-attur. Il-motivazzjoni wara d-decizjoni tal-Bord tad-Dixxiplina (ara fol. 69) kienet imsejsa fuq fatti jew konsiderazzjonijiet estranji ghal kaz.

L-attur kien inghata tlett *charges* mill-1995 sas-sena 2000. Huwa rceva ittra minghand il-*personnel officer* Frans Farrugia biex jinfurmah li kien gie immarkat bhala *absent* f'gurnata partikolari ghaliex ma kienx irrapporta ghax-xoghol (ara fol. 325 tal-process). Fit-13 ta' Ottubru 2000 J Mizzi SSRM informa lil *Human Resources Executive* illi kien wissa lill-attur peress illi fis-7 ta' Ottubru 2000 huwa kien naqas milli jirrapporta ghax-xoghol (ara fol. 327 tal-process). Jidher ukoll illi l-attur gie mwissi bil-miktub fis-27 ta' Lulju 1995 minn certu S Aquilina, *General Manager*, illi huwa kien qieghed jasal tard ghax-xoghol.

Jidher li l-attur kellu *pattern* ta' skartar jew ta' attendenza tard ghax-xoghol. Ghalkemm specifikament ghall-kaz in ezami l-attur ighid li fil-gurnata in kwistjoni huwa hareg mix-xoghol ghax kellu emergenza d-dar, huwa qatt ma gab provi ta' dan. Tenut kont li hu kien *manager* u allura kellu posizzjoni ta' responsabilita' kien fl-obbligu illi jaghti ezempju tajjeb lill-haddiema li kien jidderigi u f'dan huwa naqas. Tenut kont ta' dan kollu u tal-fatt illi l-attur kien ammonit minn diversi ufficjali gholja tat-Tarzna, din il-Qorti tghid li l-attur ma kienx *manager* ezemplari u ma kienx jimxi bid-diligenza mistennija mill-posizzjoni li kien jokkupa.

Ghaldaqstant din il-Qorti tghid li fis-sens fuq premess ma tirrizultax *mala fede* jew *irragonevolezza* fid-decizjoni ta' l-Bord ta' Dixxiplina ghall-fini ta' l-Art. 496A(5) tal-Kap.12, u allura ma setax ikun hemm lok ghal likwidazzjoni ta' danni a favur tal-attur, ghalkemm din il-Qorti tghid li d-decizjoni ut sic ghandha tigi dikjarata nulla ghaliex ma kienux osservati r-regoli tal-gustizzja naturali kif fuq inghad.

**Ghal dawn ir-ragunijiet kollha, din il-Qorti qeghda tiddeciedi dwar it-talbiet u dwar l-eccezzjonijiet kif gej -**

**Tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri limitatament fejn din tirrigwarda lill-konvenut Saviour Gauci, Direttur Generali (Operations) fil-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomici li b'digriet tas-27 ta' Frar 2004 kien assuma l-atti minflok il-Malta Drydocks, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel tliet talbiet attrici, u tillibera lill-istess Saviour Gauci fil-kwalita` tieghu premessa mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tichad ir-raba' talba attrici kif dedotta kontra l-konvenuti l-ohra Frans Farrugia, Raymond Vassallo, John Abdilla u Godfrey Borg.**

**Tichad il-hames talba fejn din tirrigwarda l-konvenut Frans Farrugia**.

**Tipprovdi dwar il-hames talba attrici billi limitatament fil-konfront tal-konvenuti Raymond Vassallo, John Abdilla u Godfrey Borg, tiddikjara li bhala membri tal-Bord ta' Dixxiplina fil-kaz tal-attur mertu ta' din il-kawza huma naqsu li josservaw il-principji tal-gustizzja naturali u ghalhekk tiddikjara d-decizjoni taghhom bhala Bord ta' Dixxiplina fil-kaz tal-attur mertu ta' din il-kawza, kif ukoll il-piena inflitta lill-attur, bhala nulla u bla effett.**

**Tichad is-sitta u s-seba' talbiet attrici.**

**B'applikazzjoni tal-Art.223(3) tal-Kap.12 tal-ligijiet ta' Malta, tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------